*24 ta' Mejju 2013*
*71/2013*

**L-ARĊISQOF JILTAQA' MAL-ĠENITURI TAL-MISSJUNARJI MALTIN**

Fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm u Jum il-Missier, is-Segretarjat għall-Appostolat tal-Emigranti, li fergħa minnu hija responsabbli mis-Saċerdoti, Reliġjużi u Lajċi Maltin li qed jaħdmu għall-Knisja bogħod minn artna, qed jistieden lill-ommijiet u lill-missirijiet tal-missjunarji Maltin għal laqgħa mal-Arċisqof Pawlu Cremona O.P. Din il-laqgħa ser issir nhar it-Tnejn 27 ta' Mejju 2013 f'Dar l-Emigrant, il-Belt Valletta.

Il-laqgħa tibda b'Quddiesa ċċelebrata mill-Arċisqof, b'sufraġju għall-erwieħ tas-saċerdoti, reliġjużi u lajċi missjunarji Maltin u l-ġenituri tagħhom. Wara ssir laqgħa soċjali. Dawk li jixtiequ jattendu huma mitluba jikkuntattjaw Dar l-Emigrant (21222611/21232545 jew permezz tal-email mecmalta@vol.net.mt).